# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 16**

**5.00p.m 28 ta' April 2025**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

**Assenti**

Kunsillier Gloria Aquilina
Kunsillier Joseph Cachia

**Ufficċjal Preżenti**

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa ta' fil-għaxija.**

**16.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

**16.1.1** Il-Kunsilliera Gloria Aquilina u Kunsillier Joseph Cachia infurmaw li huma indisposti u mhux ser ikunu jistaw jattendu għal laqgħa

**16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku ressaq il-Minuti ta' numru ħmistax (15) il-laqgħa tal-Kunsill għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel.

**16.2.1** Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mil-Kunsillier Domenic Spencer, il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

**16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**16.3.1 Lezzjonijiet ta' l-għawm organizzati min Lets Move Malta**

Sportsmalta informat lill-Kunsill li l-offerta ta' swimming lessons fil-Cottonera Sports complex ġiet estiża għax-xhur ta' Lulju, Awissu u Settembru mingħajr ħlas sa massimu ta' 20 persuna. Il-Ġranet huma it-Tnejn, il-Ħamis u l-Ġimgħa, l-Kunsill jista' jagħżel ġurnata waħda biss.

Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa lil pubbliku sabiex naraw min hu interessat. L-uffiċju ser jiċċekkja dwar l-etajiet u jekk ikunx hemm superviżjoni għat -tfal.

**16.3.2 Rikjest sabiex double yellow line issir single f' Triq Fra Diegu**

Il-Propjetarju tal-warehouse li tinsab fi Triq Fra Diegu qed jitlob li double yellow line eżistenti jinbidel f'wieħed single. Barra min hekk il-warehouse ser tintuża għal xi dgħajjes għalhekk qed jitlob li jkollu spazju biżżejjed quddiem il-garaxx sabiex ikun jista' jimmanuvra.

Il-Kunsill qabel li Sindku ser jitkellem ma sid.

**16.3.3 Għaqda Festi Esterni Ssma Trinita' Qaddisa**

L-Għaqda Festi Esterni qed jitolbu l-appoġġ tal-Kunsill waqt il-Festa tat-Trinita':

- Il-Kunsill jipprovdi servizz ta' Fire Engine is-Sibt u l-Ħadd - **Il-Kunsill approva**
- Jagħmel reklamar fuq il-Ktieb tal-Festa li jiswa €300- **Il-Kunsill approva**
- Ma jinħarġux permessi ta' gabbana u bejgħ ieħor fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja ħabba l-armar- **Il-Kunsill qabel li tiġi organizzata laqgħa ma l-partijiet**
- Bejn il-Ħamis u l-Ħadd ma jsirx ipparkjar ta' karozzi Jesuits Junction u Triq Simpson il-parti ta' isfel - **Il-Kunsill approva**
- Għeluq ta' toroq / żoni pedonali (aktar dettalji fl-email) se tiġi diskussa waqt il-meeting
- Sitt toqob ġodda biex jinħaraq in-nar ta' l-art. **Il-Kunsill approva**

**16.3.4 Parroċċa Marija Reġina resqet proposta dwar niċeċ fil-kantunieri**

Il-Parroċċa Marija Regina qed tressaq proposta sabiex jinxteħtu l-istatwi li jinsabu fil-kantunieri tat-toroq bħal ma hemm fi Triq San Mikiel.

Il-Kunsill qabel li irrid jiġi verifikat jekk in-niċeċ humiex tal-privat u jekk hemmx xi skema relatata



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**16.3.5 Talba min kumpanija għal Un/loading bay f' Triq Simpsom**

Il-Kumpanija V.J.Salamone qed jitolbu li loading and unloading bay li għandhom ħdejn il-binja tagħhom tiġi estiża dan peress li l-kontejners li jkollhom ta' spiss ma joqgħodux fil-kaxxa li hemm eżistenti. (ritratti jinsabu annessi ma l-email )

Il-Kunsill ma approvax it-talba minħabba raġunijiet ta' saħħa u sigurtà ta' min ikun f'zona.

**16.3.6 Kjarifika dwar għajnuna meta jkun hemm anniversarju ta' xi għaqda**

Din l-għajnuna tingħata biss meta jkun anniversarju ta' 25/50/75/100

**16.3.7 Marsa futbol Club għamel talba għal żewġ mobile toilets**

Il-Sindku informa Marsa Futbol Club ser jagħmel attività (majjalata) b'risq Anthony Gafa. Il-Viċi Sindku qal li min jipprovdi dawn il-mobile toilets għandu jiġi nfurmat sabiex dawn jinġabru l-għada ta' l-attività.

Il-Kunsill approva li jordna 2 mobile toilets għal attività.

**16.3.8 Korrispondenza mingħand Managing Authority rigward il-Final Audit fuq il-proġett ta' Day Centre iffinanzjat min fondi Ewropej.**

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat li Kunsill kien irċeva rapport dwar l-awditjar tal-proġett li ilu għaddej min Lulju ta' sena l-oħra. Hija tenniet li f'rapport qed jindika li hemm financial correction ta' madwar 19,000 ewro, madanakollu skont il-korrispondenza jidher li Direttorat responsabli mill fondi ewropej f'ħdan DLG qed jikkontesta din deċiżjoni. Deputat Seg.Ezekuttiv qalet li hija u l-impjegati tal-kunsill għamlu min kollox sabiex jirrispondu għal informazzjoni mitluba għal kemm hija u l-impjegati ma kienux responsabli min dan il-proġett. Hija nfurmat lil Managing Authority sabiex ma jagħmlux referenza għalija bħala Project Leader għaliex hija qatt ma ħadmet fuq il-proġett iżda Segretarju Ezekuttiv ta' qabel kien responsabbli.

Il-Kunsill qal li xi forma ta' azzjoni għanda tittieħed relatat ma risponsabilita ta' l-ex segretarju eżekuttiv.

**16.3.9 Ilment Triq Sliem sabiex issir railing**

Is-Sindku qal li rċieva ilmenti fejn residenti qed jitolbu li issir railing (pole) bħala safety għal pedestrians f'Triq Sliem.

Il-Kunsill qabel

**16.3.10 Bollard f'entratura ta' garage li ntalbet waqt il-laqgħa annwali**

Is-Sindku għamel referenza għal intervent li resident għamlet waqt il-laqgħa annwali. Ir-residenta kienet esperiment id-diffikultajiet li hija u familja tagħha kienu qed jiltaqaw magħhom ta' kulljum minħabba l-ipparkjar ħażin quddiem id-dar tagħhom. Il-Kunsill id-diskuta din il-problema u għadda għal mozzjoni dwar deċiżjoni. Irriżultat huwa f'item 16.9 mozzjonijiet.

**16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**16.4.1** Il-Kunsillier Joseph Scerri qed jitlob li Kunsill sabiex jikteb lil transport Malta u tintalab informazzjoni dwar min ta'l-approvazzjoni sabiex kommunal parking li kien hemm f'triq principali fejn il-Maltapost tiċċaqlaq min triq prinċipali għal triq residenzjali.

**16.4.2** Il-Kunsillier Domenic Spencer informa li kellu korrispondenza ma Bridgewater relatat ma Town Twinning. Huwa qal li peress li kien konxju li finanzi tal-kunsill kien xtara il-biljetti ta' l-ajru għas-spejjes tiegħu. Iżda wara li ħallas il-biljetti il-Kunsill ta' Bridgewater informa li bidel id-data ta' l-attività. Huwa tenna li dawn l spejjeż kien issa mitlufa għax il-kumpanija ta' l-ajru tagħtux refund.
Il-Kunsill għamel il-kunsiderazzjonijiet tiegħu u qabel li Kunsillier Spencer jalloka 400 ewro sabiex il-Kunsillier Spencer ikun jista jmur f'data li ġiet deċiża mill-Kunsill ta' Bridgewater.

**16.4.3** Il-Kunsillier Domenic Spencer qal li attenda għal laqgħa dwar skema kulturali. Huwa tenna li din l-iskema ser jintazlu 10 Kunsilli biss. Waqt din il-laqgħa spjega li huwa għamel intervent u qed jipproponi li ssir attivita f' zona ta' Maria Reġina.

**16.5 Rapporti**

**16.5.1 Rapport ta' Evalważżjoni Tender for the Cleaning, Upkeep and Maintenance of Public Gardens and Soft Areas in Marsa using Environmentally Friendly Products and Practices' KLM 01/25.**
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Evalwazzjoni ta' tender KLM 01/25 ġiet konkluza. Hija prezentant irrekomendazzjoni ta' bord.
Il-kunsill qabel ma rekomdazzjoni u approva rapport.

**16.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagament**
Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 04 (B)/25 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**16.6.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Anthony Meilak u sekondat Kunsillier Domenic Spencer il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.

**16.7 Item: Marsa proġett GHRC -Service Room**
Is-Sindku għamel referenza għal proġett li qed issir fil-Marsa mill-GHRC. Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-proġett. Il-Viċi Sindku fakkar dwar f'zmien preċedenti GHRC kienet indikat li ser tneħħi numru ta' parkings mil-pjazza għalhekk kien qed jistaqsi jekk instabbitx soluzzjoni għal dan. Is-Sindku qal li kien ser jagħmel il-verifika dwar din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel li Service Room tibqa responsabiltà ta' Lands Authority iżda il-Kunsill jibqa jagħmel użu minna u il-meters ta' dawl u ilma (pompi u dawl dekorattiv) jkunu responsabiltà tal-Kunsill.

**16.8 Item: Aġġustament tal-bankini**
Is-Sindku qal li għandu bzonn is-servizz li ta' kuntrattur sabiex jirranga diversi bankini. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suggett u ġie deċiz li Kunsillier Domenic Spencer ikellem lil-Clean Malta sabiex jistaqsi jekk jisatax jagħmlu dan is-servizz.

**16.9 Mozzjonijiet**
Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier Domenic Spencer, fejn ppropona li kull min għandu problema li vetturi qed jimblokaw l-entratura tal-garage il-kunsill għandu jagħti permess ta' bollard singola għal spejjez tal-istess resident . l-istess bollard tibqa propjetà



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

tal-Kunsill u managjata mir-resident. Fil-kurduna tal-bankina . Il-bollard issir mill kuntrattur tal-Kunsill bl-istess kulur u għamla
Ittieħed vot b'riżultat kif ġej;
Favur: Sindku Luke Farrugia, Kunsillier Domenic Spencer u Kunsillier Anthony Meilak
Kontra: Viċi Sindku Josef Azzopardi u Kunsillier Joesph Scerri

**16.10 Tmiem il-Laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fis-9.00pm u ġiet aġġornata għal 22 ta' Mejju 2025 fl-5.00 pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

Luke Farrugia | Mariella Strout

Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*